MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Numru. 416/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**KONTRA**

**SAVIOUR CUTAJAR ta’ 56 sena, iben Peter u Felicia nee’ Buttigieg, imwieled is-Siggiewi nhar il-25 ta’ Marzu, 1952, residenti fil-fond St Joseph, Triq Salvu Curso, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 276452M;**
**U JONATHAN CUTAJAR ta’ 24 sena, iben Saviour u Pauline nee’ Deguara, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-14 ta’ Frar, 1984, residenti fil-fond St Joseph, Triq Salvu Curso, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 129684M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **SAVIOUR CUTAJAR** u **JONATHAN CUTAJAR** li gew akkuzati talli:

1. Nhar il-21 ta’ Marzu, 2005 ghall-habta tat-8.30am gewwa Omni Farmhouse, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, bla ordni skond il-Ligi ta’ awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammu jew issekwestraw lil Kenneth Azzopardi kontra l-volonta’ tieghu, skond l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Kenneth Azzopardi, izda bil-hsieb li jaghmlu delitt, liema delitt huwa ta’ hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Kenneth Azzopardi, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghhom skond l-Artikoli 41 u 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-mezz ta’ karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem taghha nfisha jew b’isem mahluq, heddew lil haddiehor u cioe’ lil Kenneth Azzopardi skond l-Artikolu 249 (2) tal-Kapitolu 9t al-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-Ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghlu bl-awtorita’ taghhom infushom lil Kenneth Azzopardi ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil Kenneth Azzopardi fil-pussess ta’ hwejgu, jew b’xi mod iehor kontra l-Ligi ndahlu fi hwejjeg haddiehor, skond l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti ghad-detriment ta’ Kenneth Azzopardi, liema serq ma jeccedix il-Lm100.00 skond l-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li moghti l-kunsens mill-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 8), l-akkuzati ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, u li in oltre wiegbu li ma kinux hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom (folio 9 u folio 10).

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija rigwardanti dizgwit li gara bejn il-parte leza u l-imputati, in kwantu l-imputati kienu qed jaghmlu xi xoghol ta’ kostruzzjoni fuq razzett proprjeta’ ta’ Kenneth Azzopardi. Waqt tali xoghol jirrizulta li garrbet xi hsara xi rampa fl-imsemmija proprjeta’. L-imputati bi qbil ma’ Azzopardi qablu li jsewwu l-istess – skond l-imputati kellha ssir tiswija tar-rampa gia’ ezistenti, skond Azzopardi, titbiddel u ssir mill-gdid. Ghandu jinghad ukoll illi kif jirrizulta, Claude Buhagiar kellu jixtri l-istess razzett minghand Azzopardi. Ghal dan id-dizgwit li nqala’ assista wkoll l-istess Buhagiar.

Issa l-parte lesa xehed illi wara li hu u l-imputati ma qablux dwar it-tiswija jew tibdil tar-rampa, allura dahlu f’pika ta’ hlas. Saviour Cutajar beda jheddu li kien ser joqtlu, tant li anke ried jaghtieh bil-ponn. Qal li anke hadlu l-*pouch* li kellu fil-karozza u li meta mar biex jitlaq zammu fizikament. Il-*pouch* gie ritornat lilu meta waslu fuq il-post il-pulizija li kienu cemplilhom l-istess Azzopardi. Qal illi gie mhedded billi kien ser jaqla’ daqqa ta’ ponn, dan fil-presenza ta’ Claude Buhagiar. Ghalhekk hu harab u mar icempel lill-pulizija.

Minn naha tieghu Claude Buhagiar xehed illi assista ghal argument bejn Salvu l-bennej u Azzopardi fuq rampa. Bdew bejniethom jargumentaw fuq hlas. Qal li Azzopardi kellu l-karozza tieghu mitfuha u Salvu Cutajar hadlu *pouch* u hadu t-tifel, allura l-ko-akkuzat Jonathan. Hawn Azzopardi cempel lill-pulizija li kienu qeghdin jisirquh. Qal

li Jonathan baqa' fejn jidher bil-*pouch*. Tbieghed daqsxejn minnhom pero baqa' fejn jidher (folio 29). Xehed li kien Salvu li ha l-*pouch* mill-karozza.

In kontro ezami Claude Buhagiar qal li l-argument ta' bejniethom kien wiehed verbali biss. Anzi qabel ma' l-Avukat Difensur li fl'ebda hin ma kien hemm xi aggrediment anke bil-ponn. Ftakar illi Salvu ghadda l-*pouch* lit-tifel li minn naha tieghu mexa daqsxejn 'il boghod bih, pero baqa' fejn jidher. Sema' lil Salvu jghid lil Azzopardi *'Nohodlok il-pouch.',* ghax ta' l-ahhar kellu jaghtieh xi flus. Jonathan, skond dan ix-xhud, ta l-*pouch* lill-pulizija meta waslu fuq il-post. Lanqas ftakar li Azzopardi kien mizmum, anzi qal illi dan tela' fil-*main road* u cempel lill-pulizija.

Il-ko-akkuzat Saviour Cutajar ukoll ta verzjoni simili ta' argument dwar ir-rampa u hlas ma' Azzopardi. Anzi zied illi Azzopardi sahansitra qallu biex johroglu minn go hwejgu u jigbor l-ghodda – dan *nonostante* li Salvu baqa' jinsisti li jithallas. Dwar il-*pouch* spjega b'mod car fil-fehma ta' din il-Qorti x'kienet l-intenzjoni tieghu meta qal hekk *'Kien hemm il-bieba* (tal-karozza ta' Azzopardi) *miftuha. Minn fuq is-seat ta' quddiem, bicca pouch daqshekk kien. Mhux niehu l-pouch dakinhar. Mhux ser inhallat il-flus li kelli niehu mal-pouch hux jiena. Mhux f'dak is-sens hux. Hu nqeda bija bizzejjed fejn qal li nisirqu. Jiena mux biex nisirqu l-pouch. Ma kellix interess.'* (folio 87).

*'Jiena hadtu bhala ezempju, ghidtlu kif ghamiltli inti, ghandi x-xoghol qieghed f'idejk, u ghidtlu qisni qbadtlek dan u qieghed nghidlek li jekk inti ma taghtinix il-flus, ma naghtikx dan.'* (folio 37).

Jonathan Cutajar ammetta wkoll l-involviment tieghu fit-tehid ta' dan il-*pouch,* barra li rrepeta l-istess storja dwar il-flus u r-rampa li gia' kienu xehdu ta' qablu.

Anke hu fehem illi l-intenzjoni li ghaliha ttiehed il-*pouch*, kienet li jekk jinzamm dan, Azzopardi ma setax ikecciehom minn fuq is-sit bla hlas, kif kien qieghed jaghmel.

Ikkunsidrat:

Illi ma tistax din il-Qorti ma tikkummentax ghall-fatt illi l-pulizija kienet ftit ezuberanti fl-akkuzi minnhom migjuba migjuba kontra Saviour Cutajar u Jonathan Cutajar, tenut kont tal-fatti rizultanti kemm ad inizio mill-investigazzjoni taghha, sussegwentement migjuba bhala prova quddiem din il-Qorti.

Fil-fatt ghajr mix-xhieda ta’ Azzopardi nnifsu, minn imkien ma jirrizultaw is-sekwestru tieghu, xi attentat biex issir hsara fizika, xi theddid b’isem mahluq. Fil-fatt xhud ghal kollox indipendenti – Claude Buhagiar, prezenti ghall-argument ma qal xejn fuq dan, anzi kien neganti ta’ tali azzjonijiet. Dan apparti ghal-fatt illi Azzopardi ma sofra l-ebda griehi fizici u li jekk sofra xi sekwestru facilment allontana ruhu biex icempel lill-pulizija.

Lanqas fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma jirrizulta r-reat ta’ serq kif prospettat fir-raba’ akkuza. L-animu li bih ittiehed il-*pouch* hareg car mix-xhieda ta’ l-akkuzati kif hawn fuq espost. L-ispostament tal-*pouch* ma kienx dak ta’ hsieb ta’ serq biex isir *lucrum* mil-istess furtiva. Pero mill-istess xhieda gia’ riprodotta ta’ l-akkuzati, hija l-fehma ta’ din il-Qorti li ,jirrizulta b’mod inekwivoku x’reat taht l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe’ r-ragon fattasi. Certament jirrizulta b’mod car li l-akkuzati bla ebda awtorita, bi pretensjoni ta’ jedd, sintendi minnhom tant pretez, cioe’ jien ghandi dritt nohodlok dan biex inti taghtini dan, spussessaw lil Azzopardi minn *pouch* li kien fil-vettura tieghu.

Ghalhekk din  il-Qorti fil-waqt li ghar-ragunijiet gia’ premessi qieghda tillibera lil **SAVIOUR CUTAJAR** u **JONATHAN CUTAJAR** mill-akkuzi prospettati taht l-Artikoli 86, 41, 214, 249(2), 261, U 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda kif espost issib htija taht l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat il-fedina penali taghhom, in kwantu dik ta’ **JONATHAN CUTAJAR** ghalkemm komplici fl-azzjoni

ta’ reita’, segwa lil missieru, qieghda tikkundannah ghal multa ta’ €233(mitejn u tlieta u tletin Ewro);
Tikkundanna lil **SAVIOUR CUTAJAR** ghal multa ta’ €582.50 (hames mija u tnejn u tmemin Ewro, u hamsin Ewro cenetezmi).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------